---

15 ta' Diċembru, 1947.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Dijella Keler *versus* Paul Farrugia

**Artisti — Barmaids — Ħanut — Kummissarju tal-Pulizija — Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 490/1935.**

*Il-kontroll tal-Kummissarju tal-Pulizija stabbilit mill-liġi fuq l-impjeg ta' l-artisti u barmaids fil-ħwienet tax-xorb huwa ta' interess pubbliku; u għalhekk mhux biss il-kondizzjonijiet ta' l-impjeg ta' l-artisti u barmaids għandhom ikollhom l-approvazzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija fil-bidu ta' l-impjeg, imma wkoll dawk il-kon-*

*dizzjonijiet ma jistgħux jitbiddlu mingħajr l-approvazzjoni ta' dak l-uffiċjal.*

*Għalhekk wkoll, kwalunkwe riduzzjoni fis-salarju ta' barmaid, li ssir mingħajr l-approvazzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija, anki jekk aċċettata mill-barmaid, ma tiswiex, u l-barmaid għandha d-dritt tinsisti li titħallas bis-salarju oriġinarjament miftiehem.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà tar-Re fejn l-attriċi, wara li qalet li l-konvenut naqas li jħallasha s-salarju tagħha ta' artista mit-8 ta' Marzu 1947 sas-16 ta' April 1947, ċjoè sa l-aħħar ġurnata tal-preavviż li sar fl-1 ta' April 1947, u sar mingħajr ġusta kawża, talbet li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti meħtieġa, il-konvenut jiġi kundannat li jħallasha s-somma ta' £15. 14. 0, salarju a bażi ta' £12 fix-xahar mit-8 ta' Marzu 1947 sas-16 ta' April 1947; bl-ispejjeż u bl-imgħax legali;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà tar-Re fl-20 ta' Ġunju 1947, li biha ġiet milqugħa t-talba bl-ispejjeż kontra l-konvenut; wara li kkunsidrat;

Li mill-kumpless tal-provi jirriżulta li l-attriċi kienet impjegata mal-konvenut bħala artista bi £12 fix-xahar, skond il-kuntratt li ġie approvat mill-Kummissarju tal-Pulizija u li ġie eżibit il-lum. Il-konvenut jippretendi li xi ftit qabel ma l-attriċi spiċċat minn miegħu huwa kien raħħas il-pagi lill-artisti u "barmaids" impjegati miegħu, billi niżżlilhom is-salarju għal £9 fix-xahar, u jippretendi li l-attriċi aċċettat li tibqa' impjegata bis-salarju bir-roħs. L-attriċi ċaħdet li qatt akkonsentiet għar-roħs. Il-Qorti tosserva li skond ir-Regolamenti maħruġin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern numru 490 ta' l-1935, il-Kummissarju tal-Pulizija jagħti l-permess biex jinżammu artisti ġo ħwienet tax-xorb taħt il-kondizzjonijiet li huwa jidhirlu meħtieġa li jimponi f'kull każ. Dan ifisser illi l-kondizzjonijiet ta' l-impjeg tal-"bona fide" artisti huma skond il-liġi suġġetti għall-approvazzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija, kif inhuma wkoll suġġetti l-kondizzjonijiet ta' l-impjeg tal-barmaids (art. 15 (1) (d) (h)). Il-kontroll tal-Kummissarju tal-Pulizija stabbilit mill-liġi fuq l-impjeg ta' artisti u barmaids

fil-ħwienet tax-xorb huwa notorjament intiż fl-interess ta' l-ordni publiku, biex kemm jista' jkun jigu evitati impożizzjonijiet illeċiti u abbużi immorali; u għalhekk l-approvazzjoni tal-kondizzjonijiet da parti tal-Pulizja hija meħtieġa fl-interess publiku. U la darba huwa hekk, dawk il-kondizzjonijiet ma jistgħux jinbidlu mingħajr l-approvazzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija. Għaldaqstant, fl-assenza ta' dik l-approvazzjoni, it-tibdil ta' dawk il-kondizzjonijiet li jsir bi ftehim privat mhux validu. Għalhekk fil-każ in ispeċje, anki li kieku ġie pruvat soddisfaċentement—li mhux il-każ—li l-attriċi aċċettat li toqgħod fl-impjeg bir-roħs, la darba l-Kummissarju ma ġie mdaħħal f'xejn u ma approvax il-kondizzjonijiet ġodda, l-attriċi mhix obligata toqgħod għar-roħs, u għandha dritt titlob is-salarju bit-£12 fix-xahar;

Il-Qorti hija tal-fehma li mill-kumpless tal-provi jirriżulta illi minħabba d-diffikultà tat-trasport l-attriċi kienet tollerata li titlaq mill-ħanut qabel ma jagħlaq, sabiex tilħaq l-aħħar char-a-banc minn tas-Sliema. Għaldaqstant meta l-attriċi lejla waħda kienet ħierġa biex tilħaq l-aħħar char-a-banc u, imsejħa mill-konvenut biex tibqa' hemm ħalli jkellimha, baqgħet sejra, dina ma kenitx raġuni suffiċjenti biex il-konvenut iwaqqaf l-impjeg minn dan in-nhar; għaliex biex ikellimha seta' liberament għażel ħin ieħor, jew inkella stenna sal-għada, u mhux itellifha l-aħħar karrozza, bil-konsegwenza ta' inkomodi kbar biex tkun tista' tmur lejn darha bil-lejl. Għaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma li t-talba hija ġustifikata;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut u rat il-petizzjoni tiegħu, fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata u jiġu milqugħa l-eċċezzjonijiet minnu mogħtija; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant impjega miegħu lill-appellata "as an artiste for the period of one month, subject to reconfirmation" (fol. 27). Fil-każ ta' rikonferma f'dak l-impjeg l-appellant kellu jkompli jħallas is-salarju miftiehem, li kien ġà approvat mill-Kummissarju tal-Pulizija, u li ma kienx jista' jiġi mibdul

mingħajr l-approvazzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija. Kif sewwa qalet l-Ewwel Qorti, dak il-kontroll stabbilit mill-liġi għall-impjeg ta' artisti u barmaids fil-ħwienet tax-xorb huwa intiż fl-interess publiku, biex tiġi mħarsa l-moralità publika u biex jiġu evitati mpożizzjonijiet u abbużi immorali. Kieku kellu jiġi aċċettat dak li qiegħed isostni l-appellant, jiġifieri li wara l-ewwel terminu stabbilit għall-impjeg il-partijiet ikunu jistgħu jiftehmu b'kondizzjonijiet ġodda mingħajr l-approvazzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija, l-iskop tar-regolamenti maħruġin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 490 ta' l-1935 ikun jista' jiġi faċilment eluż, bi ħsara kbira għall-ordni u morali publika—ħaġa li ċertament mhix aċċettabili, u lanqas konċepibili;

Ikkunsidrat;

Illi għalhekk l-appellata kellha d-dritt tkompli titħallas birrata ta' £12 fix-xahar għaż-żmien kollu li damet impjegata ma' l-appellant. Din il-Qorti taqbel ukoll ma' l-Ewwel Qorti li l-appellant ma kienx ġustfikat jilliċenzja lill-appellata u jwaqqaf l-impjeg tagħha mingħajr ma jagħtiha l-preavviż rikjest mill-liġi;

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà tar-Re fl-20 ta' Ġunju 1947; bl-ispejjeż kontra l-appellant.

---